# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLEF**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 44**

**Cit. Nru. 996/95 GV**

**Kenneth Abela**

**vs**

**Onorevoli Ministru ghall-Ambjent; Dr. Ramon Rossignaud, LL.D., Chairman, Profs. Peter Paul Farrugia, Thomas Cussens, Alex Galea, Paul Cardona, Anthony Restall u Joseph Muscat membri tal-Bord ta' l-Inginerija kif imwaqqaf skond l-Att ta' l-1988 dwar il-Professjoni ta' l-Inginerija u b'digriet tat-28 ta' Mejju, 1997 gew ammessi fil-kawza Dr. Reno Borg, LL.D., bhala Chairman u l-membri Marjohn Alida, Profs. Joseph A. Agius, Ray Piscopo u Philip Schembri tal-Bord ta' l-Inginerija minflok Dr. Ramon Rossignaud, LL.D., Chairman, u l-membri Profs. Peter Paul Farrugia, Thomas Cassano, Anthony Restall u Joseph Muscat**

## L-Att tac-Citazzjoni

L-attur ipproceda kontra l-konvenuti b'dan l-att tac-citazzjoni:-

"L-attur ippremetta li akkwista l-Higher National Diploma minn Manchester Polythenic l-Ingilterra, u s-sena ta' wara l-Part II tal-istess Diploma (ekwivalenti ghall-degree) mahruga mill-istess Polythenic f'materja tal-Metallurgija; fil-1981 ggradwa bil-Master of Science mill-Cranfield Institute of Technology tal-Ingilterra;

Premess illi l-attur huwa registrat bhala Charthered Engineer, European Engineer u European Welding Engineer u hu wkoll membru tal-Institute of Materials u tal-Welding Institute;

Premess illi l-attur huwa registrat bhala Chartered Engineer, European Engineer u European Welding Engineer u hu wkoll membru tal-Institute of Materials u tal-Welding Institute;

Premess illi l-attur ghandu esperjenza ta' xoghol fil-meterja kemm mal-Malta Drydocks, kif ukoll mal-kumpanija parastatali l-Metalfond, li taghha anke kien Chairman;

Premess illi l-Att numru VII tal-1988 dwar il-Professjoni ta' l-Inginerija jipprovdi li biex jinghata l-warrant ta' Inginier, l-applikant, fost kriterji ohra, ghandu jkollu degree mill-Universita' ta' Malta jew kwalifika professjonali ekwivalenti relatata mal-professjoni tal-enginerija accettata mill-Bord tal-Inginerija;

Premess illi l-imsemmi Bord b'ittra tas-17 ta' Jannar, 1994, irrifjuta li jaghti warrant lill-attur ghaliex qed isostni li m'ghandux "*accademic qualifications*" relatat mal-inginerija, u ghax id-degrees li ghandu jirreferu ghad-dixxiplina limitat fl-inginerija;

Premess illi l-kulleggi u universitajiet minn fejn l-esponenti gab il-kwalifiki tieghu gewwa l-Ingilterra kollha kkonfermaw li l-kwalifiki tieghu huma ekwivalenti ma 'First Class Honours Degree' u l-Engineering Council ta' l-Ingilterra, li ilha mill-1984 tirrikonoxxi lill-esponenti bhala Chartered Engineer, tikkonferma li l-kwalifiki professjonali tieghu huma accettati bhala "*an engineering education exemplified by an accredited honours degree in engineering"*;

Premess illi l-attur tant hu accettat bhala inginier lokalment, li sa minn ftit wara li ggradwa fl-1981, huwa gie rikonoxxut bhala membru tac-Chamber of Professional Engineers ta' Malta, l-organizzazzjoni li hija rikonoxxuta bhala l-organizazzjoni tal-ingniera a tenur tal-artikolu 18(1) tal-fuq imsemmi Att;

Premess illi l-iskuza li d-degree tal-attur hija f'dixxiplina limitata, ma hi xejn hlief skuza ghax l-istess Bord ta' l-Inginerija accetta bhala professjonisti li haqqhom il-warrant taht l-Att, persuni li, bhal attur, akkwistaw degrees specjalizzati f'materja limitata ta' inginerija barra minn Malta, jew xi kwalifika ohra li mhux degree, kif jidher car mil-lista tal-persuni li hadu l-warrant ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Jannar, 1995;

Premess illi ghalhekk il-Bord tal-Inginerija agixxa hazin u naqas mill-obbligu tieghu taht il-ligi a skapitu tad-drittijiet tal-attur;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, l-attur talab lil din il-Qorti:

1. thassar, tirrevoka u tannulla d-decizzjoni li ha l-Bord tal-Inginerija u kkomunikata lill-attur fis-17 ta' Jannar, 1994, u konsegwentement;

2. tordna lill-konvenuti sabiex johorgu favur l-attur Warrant ta' Ingineer taht l-Att VII tal-1988".

## Eccezzjonijiet

Il-konvenuti hekk eccepew ghat-talbiet attrici:-

"1. Illi da parti tal-Ministru ghall-Ambjent, jigi rilevat li l-artikolu 4 tal-Att VII tal-1988 dwar il-Professjoni tal-Inginerija jipprovdi li l-hrug ta' Warrant mill-esponent ghall-ezercizzju tal-professjoni ta' inginier isir fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Inginerija.

2. Illi dak l-istess artikolu ma jaghti ebda fakulta' jew poter lill-esponent li johrog Warrant lil xi persuna meta ma ssirlux rakkomandazzjoni ghal dan mill-Bord.

3. Illi sallum lill-esponent ma saritlu ebda rakkomandazzjoni biex jinhareg Warrant lill-attur u ghalhekk, l-esponent ma jistax jigi ritenut li b'xi mod ikkontravjena l-ligi.

4. Illi da parti tal-esponenti l-ohra, jinghad li l-ewwel u t-tieni paragrafi tad-dikjarazzjoni tal-attur m'humiex kontestati.

5. Illi r-raba' paragrafu tal-istess dikjarazzjoni mhux korrett stante li l-Bord tal-Inginerija 'ma jaghtix' il-warrants izda fit-termini tal-artikolu 4(1) jirrakkomanda lill-Ministru li jaghti l-warrant; inoltre, b'ittra tat-2 ta' Settembru, 1994, l-attur kien gie nfurmat mhux li m'ghandux 'degree relatat mal-Inginerija' izda li ma kellux a 'First Degree relatat mal-Inginerija'.

6. Kuntrarjament ghal dak minnu allegat l-attur, mal-applikazzjoni tieghu ma pproduca l-ebda dokument li kkonferma il-kwalifiki tieghu huma ekwivalenti ghal First Degree in Engineering - billi l-Universita' ta' Malta tat u taghti sal-lum First Degree biss in Engineering - u, ghalhekk, 'ekwivalenti' jinhtieg li jkun ekwivalenti ghal dan id-Degree.

7. Illi l-fatt li l-attur gie accettat bhala membru barra minn Malta ma' diversi istituzzjonijiet barranin ma jfissirx necessarjament li ghandu l-kwalifiki fit-termini tal-Att VII tal-1988, dawn il-*memberships* ma humiex rekwizit ghall-ghoti tal-Warrant fit-termini tal-istess Att.

8. Illi l-allegazzjoni tal-attur li l-Bord irrakomanda li jinghataw warrant individwi li akkwistaw Degrees f'materja limitata ta' inginerija barra minn Malta mhux korretta stante li dawn l-individwi issodisfaw il-Bord li kellhom Degree ekwivalenti ghal dak moghti mill-Universita' ta' Malta fl-Inginerija fit-termini tal-artikolu 3(2)(d)(i) - li l-attur m'ghandux".

**<u>Decide</u>**

B'sentenza tal-15 ta' Dicembru, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet l-appell billi prevja li laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, cahdet it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

**"SOTTOMISSJONIJIET TA' L-ATTUR**

L-attur qed isostni li:

Anke bl-eskluzzjoni tal-Masters Degree tieghu, l-ewwel erba' snin ta' l-istudji tieghu l-Inglilterra, huma ekwivalenti ghall "*a first class honours degree*";

L-istituti rikonoxxuti fl-Ingilterra u fl-Ewropa u anke f'Malta, ilhom is-snin li accettaw il-kwalifiki tieghu bhala li huma fl-enginerija, u mhux kif qed isostni l-Bord;

Li l-kwalifiki professjonali tieghu huma fost l-aqwa: Chartered Engineer, European Engineer, European Welding Engineer, Member tac-Chamber of Professional Engineers Malta.

L-istudji tieghu kellhom kontenut qawwi ta' suggetti li wiehed jistudja meta jiehu kors fil-Mechanical Engineering fl-Universita' ta' Malta u l-Universita' kienet accettatu biex jghallem fis-suggett li kkwalifika.

Minhabba f'hekk, ghalkemm jista jahdem bhala engineer fid-dinja kollha, ma jistax jahdem hekk f'Malta. Hu ma jistax ghalhekk japplika ghall opportunitajiet ta' xoghol li jhossu kompetenti fihom minhabba li qed jintalab warrant ta' engineer (ara Dok 9 u 10 Pag. 48 sa 50).

Il-Bord accetta bhala professjonisti li haqqhom warrant taht l-Att, persuni li, bhal l-attur, akkwistaw degrees specjalizat f'materja limitata ta' inginerija barra minn Malta, jew xi kwalfiki ohra li mhux degree.

**X'TGHID IL-LIGI**

Il-Kap 321 tal-Engineering Profession Act jipprovvdi ghal *"Conditions required to qualify for a warrant"* fl-artikolu 3. Dan ighid li *(1) No person shall practise the profession of engineer*

*unless he is the holder of a warrant issued under section 4 of this Act.*

Section 4 jipprovvdi li: *“The warrant to practise the profession of engineer shall be issued by the Minister on the recommendation of the Board to any person who satisfies the requirements of subsection (2), and, where applicable, the provisions of subsection (3) and (4) of section 3 of this Act.*

Dawn is-subartikoli (ghal dak li hu rilevanti ghal kaz in ezami) jghidu hekk:

(2) *A person shall not qualify for warrant unless -*

(d) *he shall satisfy the Board that -*

*(i) he is in possession of <u>such degree of the University of Malta</u> or an <u>equivalent professional qualification</u> relating to the engineering profession as at the relevant time is recognized by the Board to be sufficient for the purposes of this section.*

*(3) Notwithstanding the provisions of paragraph (d) of subsection (2) of this section, a person who on the 1st day of January 1988 had already for a period of not less than fifteen years before that date occupied a responsible engineering position, may be exempted by the Board from having the requirements of paragraph (d) of subsection (2) of this section, and after passing a professional and academic assessment by the Board, may, if he satisfies paragraphs (a) (b) and (c) of that subsection, be granted a warrant.*

**POSIZZJONI TAL-BORD**

Il-posizzjoni li ha l-Bord fir-rigward ta’ l-applikazzjoni ta’ l-attur giet spjegata mid-diversi xhieda prodotti mill-konvenuti, fosthom ic-Chairman tal-Bord.

**Anthony Restall** xehed li hu membru tal-Engineering Board. Hu qal li l-ekwivalenza tad-degree ta’ l-Universita’ ta’ Malta hija first degree in engineering, fil-mechanical jew electrical streams. Il-first degree taghti broad spectrum ta’ inginerija. Trid tistudja hafna suggetti, bhal matematika pura u applikata, thermo-dynamics, fluid mechanics, material sciences, vibrations and controls, structures, power, manufacturing technology etc. Il-

metallurgija taqa' taht is-suggett ta' material sciences u material sciences terga ghandha imbaghad bhala topic iehor il welding technology. L-attur gab HND fil-metallurgija u MSC fil-welding technology jew welding sciences. L-NHD hija wahda biss mir-rekwiziti li titlob l-Universita bhala entry qualification. L-ewwel irid ikollok first degree B.Mech.Eng. jew B.Elec.Eng. imbaghad tista' taghmel Master fil-branka li trid tispecjalizza. Din tapplika ghal kull professjoni ohra.

L-attur ma kellux first degree. L-Eur. Ing. ma tikkwalifikax bhala first degree. Din ma nghatax lill attur min National Monitoring Committee ta' Malta izda applika *through an English institution*. L-NMC ta' Malta ma tirrinkonoxxix din id-degree. Fil-kaz ta' l-attur, il-Bord ezaminah u sabu li l-kwalifika Ingliza li kellu ma kienitx tikkorrispondi mal-first degree ta' Malta. Huma jsostnu li lanqas kellu first degree minn Manchester.

Kien sar interview ma' l-attur mis-sub committee li giet mahtura. Huma jafu x'suggetti kien studja l-attur l-Ingilterra ghax kien taghhomlom huwa stess. Mhux veru li l-attur kien gie accettat bhala Eur.Eng. qabel ma nholoq l-NMC. L-ewwel Eur.Eng. li cittadin Malti nghata kien fil 29/9/87 u dan kien Lawrence Ciantar. Il-FEANI appuntat l-NMC fis-27/10/87 u bdiet tiltaqa' mill-ewwel. Saru Eur.Eng. ohrajn fil 10/5/88. Ic-certifikat li pprezenta l-attur kien tal-10/5/88. Ghalhekk il-Bord kien gie kostitwit hafna qabel ma l-attur inghata l-Eur.Eng. title. L-attur seta japplika lill NMC izda hu ghazel li jmur tramite instituzzjoni Ingliza. Il-NMC kien pprotesta mal-FEANI ghax deherilhom li cittadin Malti ghandu jigi processat minn NMC. Fil-fatt kienu qablu u sussegwentement kull cittadin Malti kellu jghaddi through l-NMC. Hu ma jafx meta applika l-attur ghax ma applikax through them.

**Profs. Peter Paul Farrugia** xehed li hu head tal-Mechanical Engineering u Dekan tal-Fakulta'. Hu kien qieghed bhala rapprezentant tal-Unviersita. Il-Bord iddecieda li l-attur ma kienx jikkwalifika skond il-ligi billi l-attur kien xjenzat fil-linja tal-mettalurgija u welding u ghalhekk ma kienx kwalifikat bhala mechanical. Jekk ikun hemm kandidat li jgib degree minn barra, huwa f'idejn il-Bord li jiddecidi jekk il-kwalifiki li jkun gab minn barra, humiex accettabili ghall-Universita'. Il-Bord ma dahalx fil-kwistjoni jekk l-attur kellux bizzejjed training u prattika jew esperjenza billi hu ma kienx jikkwalifika mill-bidu. Il-ligi titlob academic qualifications. Il-parti tal-professional qualifications tidhol meta tigi biex tassessja dik il-persuna dwar l-experience tieghu. Dawk li kienu jikkawlifikaw bil-HND ried ikollhom hmistax

il-sena esperjenza. Dawk li jkollom certifikati minn barra, l-ligi trid li jkollhom *academic qualifications*. Is-*syllabus* ta' l-attur jibqa' *short* mill- ispread li jkollu l-kors ta' Mechanical Engineering. L-attur studja suggetti ohra izda m'ghandux id-*depth* li jaghmlu fl-*engineering course* Malta. Anke mill-karti ta' ezami li pprezenta l-attur jidher li hi linja specjalizzata u hemm nuqqasijiet. F'Malta l-attur kien jikkwalifika ghal *exemption* mill *Year 1* u mill *Year 2* minn first degree fil-Mechanical Engineering course ta' 4 snin.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Fir-rigward tal-konvenut l-Onor. Ministru ghall-Ambjent.**

Il-Ministru m'ghandu ebda fakulta' jew poter li johrog warrant meta ma ssirlux rakkommandazzjoni mill-Bord. Skond l-artikolu 4(1) tal-Att Nru V11 tan 1988 "warrant ghall-esercizzju tal-professjoni ta' l-inginier jinhareg mill-Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Bord…" Fil-fatt il-Bord ma ghamilx rakkomandazzjoni simili ghalhekk il-Ministru ma jistax jinghad li kkontravenja l-ligi. Divers kien ikun il-kaz kieku kellu rakkomandazzjoni u ma harigx il-warrant.

**Fir-rigward tal-konvenuti l-ohra**

Skond l-Att V11 tan 1988 (Kap 321)

(2) *A person shall not qualify for warrant unless -*

(d) *he shall satisfy the Board that -*

(i) *he is in possession of <u>such degree of the University of Malta</u> or an <u>equivalent professional qualification</u> relating to the engineering profession as at the relevant time is recognized by the Board to be sufficient for the purposes of this section.*

Il-Bord ikkostata li l-attur ma kellux a first degree mill-Unversita' ta' Malta fl-Inginerija, elettrika jew mekkanika. Il-Bord kellu ghalhekk jezamina wkoll jekk ic-certifikati li pprezenta l-attur kienux jammontaw ghal *equivalent professional qualification relating to the engineering profession*. Il-Bord iddecieda li ma kienux. Il-Bord spjega li l-HND ottenuta mill-attur kienet fil-metallurgija. Jezistu kwalifiki ta' HND fl-ingenerija elettrika u fl-ingenerija mekkanika, li l-attur ma kellux. L-HND fil-metallurgija mhiex ta' livell ta' degree universitarju.. Il-Metallurgija hija biss branka wahda ta' parti mis-*syllabus* (material sciences) tal-

Inginerija Mekkanika. Fl-Ingilterra b'HND biss tista. tidhol ghal Masters.

A bazi tad-degree li ottjena mill-Ingilterra, l-attur ottjena il-Eur.Eng. Il-Bord ma jaccettax li kull min ghandu Eur.Eng. jigi accettat awtomatikament bhala inginer f'Malta. F'kull kaz trid issir verifika kif l-applikant ikun inghata dak il-grad. Fil-kaz in ezami l-Bord m'accettax li l-Eur Eng. li ghandu l-attur hu ekwivalenti ghal first degree ta' ingineer f' Malta.

Il-Bord lanqas m'accetta li jikkunsidra c-certifikat ta' Chartered Engineer li kellu l-attur bhala ekwivalenti ghall degree fl-inginerija moghti mill-Universita' ta' Malta billi ma kienx ottenut wara ezami.

Il-Bord ma kkunsidrax titoli professjonali u membership f'ghaqdiet u f'kmamar tal-Inginiera bhala kwalifiki professjonali.

Inoltre l-fatt li l-attur kien jghallem l-Universita' b'branka ta' l-inginerija, ma jaghmlux awtomatikament inginier.

Il-Bord ghalhekk ikkonkluda li l-kwalifiki li kellu l-attur ma kienux ekwivalenti ghall degree fl-inginerija moghti mill-Unversita' ta' Malta. Il-Bord ma ddecidiex li l-attur ma kellux kwalifiki professjonali izda li dawn ma kienux ekwivalenti ghal grad ta' l-Universita' ta' Malta kif talab il-legislatur. Hu l-Bord li hu awtorizzat jiddecidi jekk l-attur ghandux dawk il-kwalifiki.

Ghalhekk l-attur qed jissottometti li l-Bord bil-konkluzzjoni tieghu

(1) ghamel zball ta' ligi meta afferma li, skond il-Ligi, m'ghandux jaghti kaz il-kwalifiki professjonali ta' l-attur, u dana meta l-ligi espressament tghid il-kontra;
(2) ghamel zball ta' fatt meta, a bazi ta' l-istudju u ezamijiet li wettaq l-attur, kellu jkun sodisfatt li l-attur jikkwalifika ghall-warrant.
(3) kien hemm abuse of discretion meta l-Bord ha in konsiderazzjoni fatturi li ma kellux jiehu u ma hax in konsiderazzjoni fatturi, li skond il-ligi, kellu jiehu.
(4) kien hemm nuqqas ta' fair hearing meta l-Bord ma talabx lill-attur jirrispondi l-argumenti tieghu stess kontra li jinghata l-warrant u ghax ma investigawx l-applikazzjoni tieghu bl-istess mod u reqqa kif ghamlu f'kazijiet ohra.

**Tikkunsidra**

**Error of Law**

F'dan ir-rigward skond il-ligi l-Bord kellu jezamina jekk il-kwalifiki li gab l-attur kienux ekwivalenti ghal degree moghtija mill-Universita' ta' Malta. Fil-fatt il-Bord ma njorax il-kwalifiki professjonali ta' l-attur izda wara li ezaminahom sab li dawn kienu nieqsa ghax ma kienux ekwivalenti skond kif talab il-legislatur.

**Error of Fact**

Il-Bord ibbaza d-decizjoni tieghu fuq l-fatti kif gew prezentati lilu mill-attur u anke ghamel il-verifiki necessarji. L-evalwazzjoni tal-fatti hu kompitu tal-Bord u mhux ta' dina l-Qorti li ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ma dika tal Bord.

**Abuse of discretion.**

Il-Bord ha in konsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha li gew prezentati lilu - titoli professjonali u kwalifiki professjonali u tahom il-konsiderazzjoni li hass li kellu jaghtihom u gibed il-konkluzzjonijiet tieghu. Il-Legislatur ried li c-certifikati u titoli ottenuti minn istituti barranin ikunu ekwivalenti ghad-degree li tinghata milll-Universita' ta' Malta. Il-Qorti ghalhekk tiddecidi li bil-konkluzzjoni li wasal ghaliha l-Bord, ma kienx qed jabbuza d-diskrezzjoni moghtija lilu.

**Fair Hearing**

Il-Bord kien ghamel interview lill-attur u l-applikazzjoni tieghu giet konsidrata minn sottokumitat u wara li ezaminaw id-dokumenti minnu prezentati u l-fatti ndikati minnu, il-Bord wasal ghall-konkluzzjoni li hemm indikata fl-ittra imsemmija tas-17 ta' Jannar, 1994. L-attur ma qabilx mad-decizjoni tal-Bord. L-attur qed jippretendi li hu kellu jinghata l-opportunita' mhux biss li jidher quddiem il-Bord kif fil fatt gara izda li anke jirrispondi ghal argumenti tal-Bord kontra li jinghata l-warrant.

Dwar il-principju ta' l-*audi alteram*, *"the obligations may be far-reaching. At one end of the spectrum they may approximate to the judicial procedures associated with the courts of law* (li mhux il-kaz prezenti) mentri *in other contexts, at or towards the other end of the spectrum, the princple may be satisfied by much less elaborate or sophisticated procedural safeguards".* Jista' jkun hemm kazijiet fejn *"it may only be necessary to give the citizen a*

*'general idea' of the matters to be taken into account and it may not be necessary to offer any oral hearing at all - an opportunity to make written representations sufficing"*. F'dawn il-kazijiet hemm id-dover fuq l-awtorita' *"to act fairly".*

Fil-kaz in ezami, x'obbligi kellu l-Bord ? Fil-kaz ta' *application cases, "where the decision merely refuses to grant the applicant a right or position which he seeks, such as membership of the organization, or a licence to do certain acts, a hearing is not normally required, and the duty of fairness is applied, only requiring the decision-maker to determine the application 'honestly, and without bias or caprice"* (McInnes v Onslow Fane {1978} 3 All ER 211).

Fil-kaz in ezami, l-attur kellu interview, l-kaz tieghu gie ezaminat minn sottokumitat, u ghalhekk il-Qorti ma tistax tghid li f'dan ir-rigward l-Bord ma mexiex *"fairly".*

**PERSUNI MSEMMIJA MILL-ATTUR LI NGHATAW WARRANT**

L-attur issottometta li l-Bord accetta bhala professjonisti li haqqhom warrant taht l-Att, persuni li, bhal attur, akkwistaw degrees specjalizat f'materja limitata ta' inginerija barra minn Malta, jew xi kwalfiki ohra li mhux degree.

Inoltre ssottometta li l-Bord ma investigawx l-applikazzjoni tieghu bl-istess mod u reqqa kif ghamel f'kazijiet ohra.

Dwar Albert Schranz, il-Bord qal li l-ezamijiet li ghamlet dina l-persuna kienu ekwivalenti ghal 1$^{st}$ Degree moghti mill-Universita' ta' Malta, u kellu l-informazzjoni kollha necessarja biex wasal ghad-decizjoni tieghu.

Raymond Muscat kien ghamel l-ezamijiet relattivi biex sar inginier.

Dwar Carmel Tonna l-Bord kien accerta ruhhu li s-*syllabus* u l-*curriculum* ta' l-Universita' Spanjola jaqghu taht il-*mainstream* tal-Mechanical Engineering.

Carmel Azzopardi ha d-diploma li kienet tkopri l-istess materjal bhal ma jsir fil-kors ta' l-Universita' ta' Malta.

L-istess ghall Saviour Mamo li studja l-istess suggetti li jigu studjati Malta u l-Bord ezamina s-*syllabus* li kellha dina l-persuna.

Dwar dawk il-persuni li gabu diploma mill-Mcast, il-Bord spjega ghaliex accettathom u ndika xi studji ghamlu u rrileva li anke kieku, dawn, kienu jikkwalifikaw a bazi tal-artikolu 3(3) tal-Kap 321.

Issemmew persuni ohra li l-Bord ma giex mitlub jikkummenta dwar il-kwalifiki taghhom u li l-Qorti ghalhekk ma tistax tikkunsidrahom.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-attur".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

L-attur appella minn din is-sentenza b'aggravji li jistghu jigu, b'mod generiku, klassifikati bhala ilment dwar applikazzjoni zbaljata tal-ligi, u, ilment li jista' jigi kwalifikat bhala apprezzament zbaljat tal-fatti li ppregudika d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq. Din il-Qorti ser tikkonsidra r-rikors ta' l-appell taht dawn is-sommi kapi.

**<u>Applikazzjoni zbaljata tal-ligi</u>**

L-appellant qed isostni li l-Bord konvenut injora ghal kollox dak li tghid il-ligi fl-artikolu 3 (2)(d)(i) fir-rigward tal-kwalifiki professjonali ta' l-

applikant. Jidher li l-Bord ezamina biss il-kwalifiki akkademici tieghu u injora l-esperjenza u l-kwalifiki professjonali tieghu u ghalhekk, ghamel "an error of law on which the decision of the case depends". L-appellant isostni li l-ligi in kwistjoni timponi fuq il-Bord ta' l-Inginerija li jaghti *warrant* mhux biss lil min ghandu *degree* minn Universita' ta' Malta, izda wkoll lil min ghandu "kwalifika professjonali ekwivalenti".

Din id-distinzjoni kienet voluta mil-legislatur, tant li meta kien qed jigi diskuss l-abbozz tal-ligi li waqqaf il-Bord ta' l-Inginerija fi stadju ta' Kumitat mill-Kamra tar-Rapprezentanti, gie dikjarat li applikant irid ikollu, jew degree mill-Universita' ta' Malta, jew kwalifiki "akkademici ekwivalenti". Il-kelma "akkademici" giet pero' sostitwita b'emenda bil-kelma "professjonali". Dana sar propju biex persuni li ma jkollhomx *degrees* universitarji jew *degrees* ohra, ma jkunux eskluzi milli jinghataw *warrant* jekk ikollhom esperjenza professjonali. L-appellant allura jislet mix-xhieda ta' diversi membri ta' dan il-Bord quddiem l-ewwel Qorti li, fil-fehma tieghu, juru car li l-Bord mhux biss ma hax in konsiderazzjoni fatturi li kien obbligat bil-ligi li jezamina, u cioe' il-kwalifiki professjonali ta' l-attur, izda wkoll ghamel "an error of law on which the decision of the case depends" – zball ta' ligi li kellu, fil-fehma tieghu, iwassal ghat-thassir tad-decizjoni tal-Bord, u dana kif hu talab fl-ewwel talba fl-att tac-citazzjoni.

Dan l-aggravju hu vitali ghall-mertu taht ezami. Infatti, jekk jirrizulta li dan l-aggravju ma setghax ikun sostnut, allura ikun inutili li l-Qorti tindaga dwar l-apprezzament li l-Bord ghamel tal-provi prodotti quddiemu, kemm fir-rigward tal-kwalifiki avanzati mill-appellant, kif ukoll ghar-rigward tal-kwalifiki ta' applikanti ohra, u dan ghall-fini biex jigi stabbilit jekk kienx hemm sustanza fl-allegazzjoni li l-appellant kien gie trattat diversament minn applikanti ohra ghall-*warrant*. Diskriminazzjoni li, jekk pruvata, f'elementi materjali ta' l-ezercizzju kondott mill-Bord ta' l-Inginerija, setghet ukoll tinficja d-decizjoni tieghu li tichad it-talba ta' l-appellant. Jekk mill-banda l-ohra jkun jirrizulta sostnut l-ewwel aggravju li l-Bord ta' l-Inginerija jkun malamet applika l-ligi l-aggravju fir-rigward ta' l-apprezzament tal-provi u jekk il-Bord kienx jew le agixxa b'mod diskriminatorju kontra l-appellant, jassumi rilevanza u jkun jehtieg li jigi nvestigat mill-Qorti.

L-Att li jirregola l-professjoni ta' l-Inginerija, fl-artikolu 3 (2)(d)(i) jipprovdi illi: "biex persuna tkun tista' tikkwalifika ghal *warrant,* irid "ikollha dak il-grad ta' l-Universita' ta' Malta, jew kwalifika professjonali ta' l-Inginerija li, fiz-zmien rilevanti tkun maghrufa mill-Bord li tkun sufficjenti ghall-ghanijiet ta' dan l-artikolu". Mhux kontestat li l-appellant ma kellux grad ta' l-Universita' ta' Malta fl-Inginerija, u allura l-Qorti kellha tinterpreta l-frazi "kwalifika professjonali ta' Inginerija" biex tasal ghall-konkljuzzjoni jekk l-appellant setghax jigi konsidrat mill-Bord biex jinghata l-*warrant*.

Jigi mill-ewwel osservat illi jekk tali kwalifika ma tirrizultax, kull ilment ta' l-appellant fir-rigward tal-mod kif l-applikazzjoni tieghu tkun giet konsidrata mill-Bord, jew fir-rigward tal-piz li l-istess Bord li jkun ta d-dokumentazzjoni lilu sottomessa fir-rigward tac-certifikati li kien jippossjedi, tkun barra minn lokha, intuili u superfluwa. Dana propju ghaliex jekk l-appellant, meta applika ghall-warrant biex jezercita l-professjoni ta' l-Inginerija, ma kellux il-kwalifika mehtiega biex hekk japplika, ikun jirrizulta nieqes element essenzjali fl-applikazzjoni tieghu li tiskwalifikah mill-konsiderazzjoni tal-Bord.

Din il-Qorti mbaghad taghmel konsiderazzjoni ohra mportanti. Il-Bord ta' l-Inginerija, imwaqqaf skond il-provvedimenti tal-Kap 321 gie moghti bil-ligi funzjonijiet specifici li, inter alia, jinvestuh bil-gurisdizzjoni esklussiva li jikkonsidra applikazzjonijiet ghall-hrug ta' *warrant* ta' ingineer u li jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu dwarhom lil Ministru (subinciz 1 ta' l-art. 7 ta' l-Att dwar il-Professjoni ta' l-Inginiera). Il-*warrant* ghall-ezercizzju tal-professjoni ta' l-Inginier kellu mbaghad jinhareg mill-Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni ta' dan il-Bord "lil kull persuna li tissodisfa *inter alia* l-htigijiet tas-subartiklu 2 ta' l-art. 3 ta' l-Att (subinciz 1 ta' l-art. 4). Dan ifisser mhux biss li l-Ministru ma ghandu l-ebda diskrezzjoni fl-ghoti ta' *warrant* u kellu jigi gwidat unikament bir-rakkomandazzjoni tal-Bord, imma wkoll li dan il-Bord kien l-unika awtorita' kompetenti biex jiddeciedi min kien jikkwalifika biex jezercita l-

professjoni ta' inginier u dik id-decizjoni, sakemm tittiehed fil-parametri tal-provvedimenti tal-Kap 321 ma kienetx, u ma kellhiex tkun sindakabbli mill-Qrati, jekk mhux fil-limiti definiti bl-art. 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jirregola l-istharrig gudizzjarju ta' azzjonijiet amminstrattivi. Dan apparti r-rimedju ta' indole kostituzzjonali jew konvenzjonali fejn u jekk applikabbli.

Din il-Qorti tikkonsidra li s-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-Bord kien malament interpreta u applika l-ligi ma kienetx fondata. Il-Qorti tqis:-

a) Illi s-subinciz 2 tal-Kap 329 li jipprovdi ghal tifsir "ta' certi termini fl-Att" jiddefinixxi "Inginier" bhala "persuna li tkun kisbet grad fl-inginerija mill-Universita' ta' Malta jew min Istitut barrani maghruf bhala ekwivalenti. Din id-definizzjoni hi mportanti inkwantu tiddefinixxi u tikkwalifika bhala inginiera biss lil dawk il-persuni li jkunu kisbu grad fl-inginerija fl-Universita' ta' Malta – fatt dan facilment accertabbli – jew li jkunu kisbu grad fl-inginerija minn Istitut barrani maghruf bhala ekwivalenti. Fatt dan, ghar-rigward ta' l-ekwivalenza, li kellu jigi accertat u kostatat b'ezercizzju ta' paragun. Dejjem pero' skond din id-definizzjoni, il-paragun kellu jsir bejn grad moghti fl-inginerija fl-Universita' ta' Malta – allura grad akkademiku – ma' grad akkademiku moghti mill-Istitut barrani maghruf. Dan ghaliex il-kelma "grad" fid-

definizzjoni ta' Inginier kienet tikkwalifika t-terminu "fl-Inginerija" u mhux it-terminu "Universita' ta' Malta".

Inoltre, is-subinciz 2 ta' l-art. 4 ta' l-istess Att jipprovdi li detentur ta' *warrant* moghti taht l-Att seta' juza l-isem ta' "Inginier" jew l-abbrevjazzjoni tieghu "Ing." flimkien ma' ismu. A contrario sensu, min ma kienx detentur ta' *warrant* ma setghax jikkwalifika lilu nnifsu bhala Inginier. Dan necessarjament iwassal ghall-konkluzzjoni li meta fis-subinciz 2(d)(1) ta' l-inciz 3 hemm provdut li persuna ma tikkwalifikax ghall-*warrant* hlief jekk tkun issodisfat lill-Bord li jkollha dak il-grad ta' l-Universita' ta' Malta jew kwalifika professjonali ekwivalenti dwar il-professjoni ta' l-Inginerija, li fiz-zmien rilevanti tkun maghrufa mill-Bord li tkun sufficjenti ghall-ghanijiet ta' dan l-artikolu, il-frazi "kwalifika professjonali ekwivalenti" kellha bilfors tkun tinkludi, bhala minimu, li persuna tkun kisbet grad fl-Inginerija minn istitut barrani, kif mehtieg fl-art. 2. Altrimenti wiehed jasal ghall-kontrosens illi l-Bord ikun jista' jaghti *warrant* lil persuna biex tezercita l-professjoni ta' inginier, meta din ma tkunx tissodisfa t-tifsita ta' dik il-kelma li l-Att dwar il-professjoni ta' l-inginerija jistabilixxi.

Inoltre, is-subinciz d(1) ta' l-inciz 2 ta' l-art. 3 ifisser ukoll illi l-fatt biss li wiehed ikun kiseb kwalifika professjonali ekwivalenti dwar il-professjoni ta' l–inginerija, ma kienx necessarjament bizzejjed biex jintitola lil

persuna ghall-ghoti ta' *warrant*. Dan ghaliex il-Bord kellu d-dritt li jistabilixxi liema kwalifika professjonali ekwivalenti setghet titqies li kienet tkun sufficjenti, fi zmien rilevanti meta l-Bord kien qieghed jiddelibera u jiddeciedi, fil-fehma tieghu tkun sufficjenti ghall-ghanijiet tal-kwalifika ghall-*warrant*. Dan ifisser li l-legislatur ried ihalli kompletament f'idejn il-Bord li waqqaf b'dan l-Att biex jistabilixxi l-livell ta' kwalifiki mehtiega u l-istandard ta' kompetenza akkademika u professjonali li l-persuna li tapplika ghall-*warrant* ta' inginier kellu jkollha. Naturalment dawn l-istandards kellhom ikunu konformi mad-dettami tal-ligi u kellhom ikunu sewwa maghrufa u uniformement applikati fir-rigward ta' l-applikanti kollha. Pero' id-diskrezzjoni tal-Bord fid-determinazzjoni ta' dawn il-kriterji ma kienetx sindakabbli sakemm tkun ezercitata b'mod ragonevoli, ekwu u gust.

Issa filwaqt li hu veru li fis-subinciz 2(d)(1) ta' l-art. 3 il-legislatur uza l-kliem "kwalifika professjonali ekwivalenti", u mhux il-kelma "grad", din il-Qorti tifhem li din id-distinzjoni ma kienet qatt intiza biex tippermetti l-ghoti tal-*warrant* lil min ma kellux il-kwalifiki akkademici. Kienet biss intiza biex tassigura illi min ikollu kwalifiki akkademici moghtija pero' minn istitut barrani maghruf bhala ekwivalenti ghall-Universita' ta' Malta, li pero' minhabba l-istruttura istituzzjonali tieghu ma jkunx jikkonferixxi grad (bl-ingliz *degree)* imma xi forma ohra ta' rikonoxximent akkademiku taht xi isem iehor, tali persuna ma tkunx imcahhda mill-

opportunita' li jinghatalha l-*warrant*. Pero' din il-Qorti hi sodisfatta, u f'dan m'ghandhiex dubbju illi l-kwalifika professjonali ekwivalenti akkwistata minn istitut barrani maghruf, kellha tkun ta' natura akkademika. Altrimenti ma setghax isir paragun bejn il-grad ta' l-Universita' ta' Malta u dik il-kwalifika. Indubbjament ukoll kien ghal kollox fil-kompetenza tal-Bord illi mhux biss jezamina l-kwalifika professjonali li hu allegat li hi ekwivalenti ghall-grad ta' l-Universita' ta' Malta, imma wkoll illi jiddeciedi fil-kompetenza esklussiva tieghu li tali kwalifika tkun hekk ekwivalenti sal-punt li tkun maghrufa minnu (mill-Bord) u tkun sufficjenti ghall-ghanijiet ta' l-ghoti tal-*warrant* fiz-zmien rilevanti.

F'dan l-isfond tidher allura gusta s-sottomissjoni ta' l-appellati li min jinghata l-*warrant* biex jezercita l-professjoni ta' Inginier kellu jkun kompetenti li jaghmel hekk fi kwalunkwe kamp ta' l-inginerija u li, konsegwentement, il-kompetenza, anke akkademika, ta' l-applikant kellha tkun tali li tassigura, li fl-ezercizzju tal-professjoni ta' inginier, hu jkollu l-istess preparazzjoni u kompetenza li l-Universita' ta' Malta tesigi ghall-konferiment tal-grad f'din id-dixxiplina.

Il-Qorti ma tarax li hu ghandha tinoltra ruhha f'dibattitu dwar il-parametri ta' din il-kompetenza, u allura fl-ezercizzju li sar waqt it-trattazzjoni tal-

kawza, u fin-noti estensivi lilha sottomessi biex janalizzaw il-kriterji stabbiliti mill-Bord jew il-kriterji li l-Bord kien messu stablixxi biex wasal ghad-decizjoni tieghu. Fil-fehma taghha, din hi kompetenza esklusiva tal-Bord vestit b'ligi specjali u bil-gurisdizzjoni propja li jiddeciedi dwarha.

Din il-Qorti hi sodisfatta li l-Bord sewwa ezercita d-diskrezzjoni tieghu u ma tirrizultax mill-atti prova sufficjenti li l-appellant kien jikkwalifika ghall-ghoti tal-*warrant* inkwantu ma ssodisfax ir-rekwizit essenzjali li hu kien jippossjedi "kwalifika professjonali ekwivalenti dwar il-professjoni ta' l-Inginerija" ghal dak ta' l-Universita' ta' Malta.

Stabbilit dan, mhux il-kaz li din il-Qorti tiddibatti aggravji ohra sollevati mill-appellant, anke jekk dawn jipprezentaw aspetti ta' interess akkademiku notevoli. Hi f'postha finalment ir-riferenza ta' l-appellati waqt it-trattazzjoni ghall-konsiderandi ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Mary Grech vs. Ministru tax-Xogholijiet" deciza fid-29 ta' Jannar, 1993. "Dawn il-Qrati, fil-funzjoni taghhom ta' *judicial review* ta' l-operat ta' l-ezekuttiv ghandhom id-dritt jiddeciedu li att partikolari ta' l-ezekuttiv ikun null u bla effett, ghax mhux skond il-ligi, jew ghax jilledi l-principji tal-gustizzja naturali, izda m'ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni rizervata lill-ezekuttiv b'dik taghhom". Fil-kaz taht ezami hi

l-fehma ta' din il-Qorti li una volta l-appellant ma ssodisfax ir-rekwizit li timponi l-ligi biex tintitolah japplika ghall-*warrant*, lanqas jista' jinghad li hawn si tratta ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni da parti tal-Bord. Si tratta biss ta' skwalifika ab initio ghaliex ebda wiehed mic-certifikati prodotti mill-appellant quddiem il-Bord ma kien jammonta ghal kwalifika professjonali ekwivalenti, ghall-grad ta' l-Universita' ta' Malta. Fatt dan li hu implicitament ammess mill-appellant li jinsisti li l-interpretazzjoni moghtija lid-disposizzjoni tal-ligi mill-Bord, sottoskritta minn din il-Qorti, kienet wahda zbaljata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

mm